FACTS 1
Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol

ISSN 1725-7069

# L-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol



## Min aħna?

L-Aġenzija ġiet imwaqqfa mill-Unjoni Ewropea sabiex tlaħħaq mat-talba li dejjem qed tikber għall-informazzjoni dwar is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. L-Aġenzija tinsab f'Bilbao (Spanja) u titmexxa minn grupp ta' esperti ddedikati f'xogħolhom fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà, fl-informazzjoni u fl-amministrazzjoni. L-għan tagħna huwa li t-tqassim ta' informazzjoni teknika, xjentifika u ekonomika bejn dawk kollha involuti fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol (OHS) jgħin sabiex il-ħajja tan-nies fuq il-post tax-xogħol tmur għall-aħjar. Dawn jinkludu ħaddiema, min iħaddem, rappreżentanti tas-sigurtà, esperti, prattikanti, kif ukoll, entitajiet nazzjonali u tal-Komunità Ewropea.

## Kif naħdmu?

Il-Bord Amministrattiv ta' l-Aġenzija huwa magħmul minn rappreżentanti ta' gvernijiet, ħaddiema u min iħaddem mill-Pajjiżi Membri ta' l-UE kollha u minn dawk tal-Kummissjoni Ewropea. Ħafna minn xogħolna jsir permezz ta' *network* ta' istituzzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (magħrufa bħala punti ta' riferenza 'focal points') li jiġu appuntati fuq livell nazzjonali fil-25 Pajjiż Membru tal-UE, fit-3 pajjiżi kandidati u fl-4 pajjiżi ta' l-EFTA. Il-punti ta' riferenza jieħdu ħsieb *networks* nazzjonali tripartitiċi. Fuq livell internazzjonali, l-Aġenzija taħdem id f'id ma' l-ILO, il-WHO u l-OAS, kif ukoll ma' istituzzjonijiet tas-saħħa u s-sigurtà madwar id-dinja kollha.

## X' nagħmlu?

L-Aġenzija għandha tliet oqsma ewlenin ta' attività:

### Ġbir ta' informazzjoni

Twaqqfu *networks* nazzjonali ta' esperti u organizzazzjonijiet speċifiċi ma' l-Ewropa kollha biex jieħdu sehem fix-xogħol ta' l-Aġenzija. In-*network* tal-punti ta' riferenza jirrappreżenta l-Aġenzija u jikkoordina l-informazzjoni fuq livell nazzjonali, fosthom is-sit ta' l-internet nazzjonali ta' l-Aġenzija. Jiġu ffurmati gruppi ta' esperti biex jagħtu pariri dwar suġġetti speċifiċi ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Hemm ukoll ċentri speċjalizzati apposta (magħrufa bħala *topic centres*) li jassistu l-Aġenzija bħala konsulenti esterni fuq oqsma speċifiċi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol.

### Komunikazzjoni ta' l-informazzjoni

L-internet huwa l-qalba ta' l-informazzjoni ta' l-Aġenzija. Permezz tas-sit ta' l-internet tan-*network* tagħna, http://osha.eu.int, wieħed ikollu aċċess għar-riżorsi tal-punti ta' riferenza kollha u n–*networks* tagħhom. Is-sit ta' l-internet joffri wkoll aċċess immedjat u faċli għal informazzjoni Ewropea u internazzjonali dwar is-sigurtà u s-saħħa fuq il-post tax-xogħol. Din tinkludi leġislazzjoni u standards, prattiċi tajba, riċerka, statistika u taħriġ, fost oħrajn. Mis-sit ta' l-internet, wieħed jista' wkoll ikollu aċċess għan-*newsletter* elettronika ta' l-Aġenzija, OHSmail, li tagħti aġġornamenti lil aktar minn 20 000 abbonat dwar żviluppi fil-qasam tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol fuq livell Ewropew u dak internazzjonali. Biex jikkumplimentaw is-servizzi ta' l-internet, l-Aġenzija toħroġ ukoll sensiela ta' pubblikazzjonijiet, minn fuljetti ta' informazzjoni u magazin dwar is-saħħa u s-sigurtà għal rapporti tekniċi aktar dettaljati dwar suġġetti speċifiċi u tal-mument. Programm ta' konferenzi u seminars ikompli jżid mat-tixrid ta' l-informazzjoni.

L-Aġenzija torganizza wkoll il-kampanja tal-Ġimgħa Ewropea dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol b'kollaborazzjoni fil-qrib mal-punti ta' riferenza. Il-kampanja għandha żewġ għanijiet ewlenin: li tqajjem kuxjenza dwar problema partikolari relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol (per eżempju stress, sustanzi perikolużi u mard muskoloskeletali) u li tħeġġeġ l-iskambju ta' informazzjoni u prattika tajba, li jistgħu jnaqqsu dawn il-problemi. Aktar minn 30 pajjiż jieħdu sehem f'din il-kampanja li hija kkoordinata mill-Aġenzija. L-Aġenzija tipprepara wkoll il-materjal neċessarju għall-kampanja u tipprovdi appoġġ essenzjali fil-promozzjoni tal-kampanja fl-Ewropa kollha.

### Żvilupp ta' aktar għarfien

It-tielet qasam t'attività jinvolvi l-użu tan-*networks* tagħna ta' informazzjoni biex inwasslu informazzjoni dwar il-proġetti madwar l-Ewropa dwar temi importanti fuq saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, bħal strateġiji u *policies*, il-promozzjoni ta' kultura ta' saħħa u sigurtà preventiva, informazzjoni dwar saħħa u sigurtà għal setturi f'riskju, l-antiċipazzjoni tar-riskji fid-dinja tax-xogħol li dejjem qiegħda tinbidel, u xogħol ta' saħħa u sigurtà f'impriżi żgħar u ta' daqs medju.

L-attivitajiet ta' l-Aġenzija jitwettqu b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-imsieħba kollha tagħna, u dan sabiex jiġi aċċertat illi l-messaġġ tas-saħħa u s-sigurtà jiġi mwassal b'mod effettiv lill-partijiet kollha fid-dinja tax-xogħol ta' llum li dejjem qiegħda tinbidel b'mod mgħaġġel.

**Tista' tikkuntattja lill-Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol hawn:**

Gran Via 33
E-48009 Bilbao
Spanja
Tel. (34) 944 79 43 60; fax (34) 944 79 43 83
E-mail: information@osha.eu.int
Sit ta' l-Internet: http://agency.osha.eu.int

Aktar informazzjoni dwar in-*network* ta' l-Aġenzija tinstab fuq is-sit ta' l-internet tagħna.

# In-*network* tal-punti ta' riferenza f'Mejju 2004

## PUNTI TA' RIFERENZA TAL-PAJJIŻI MEMBRI

**België/Belgique/Belgium**
FOD Werkgelegenheid, Arbeid en Sociaal Overleg/SFP emploi, travail et concertation sociale
Federal Public Service Employment, Labour and Social Dialogue
http://be.osha.eu.int/

**Česká republika/Czech Republic**
Ministerstvo práce a sociálních věcí
Odbor bezpečnosti práce a pracovního prostředí
Ministry of Labour and Social Affairs
Department of Safety at Work and Working Conditions
http://cz.osha.eu.int/

**Danmark/Denmark**
Arbejdstilsynet
National Working Environment Authority
http://dk.osha.eu.int/

**Deutschland/Germany**
Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit
Federal Ministry of Economics and Labour
Referat IIIb2 — Arbeitsschutz
Occupational Safety and Health
http://de.osha.eu.int/

**Eesti/Estonia**
Sotsiaalministeerium
Ministry of Social Affairs
http://ee.osha.eu.int

**Ελλάδα/Greece**
Υπουργείο Απασχόλησης και Κοινωνικής Προστασίας
Γενική Διεύθυνση Συνθηκών και Υγιεινής της Εργασίας
Κέντρο Υγιεινής και Ασφάλειας της Εργασίας (ΚΥΑΕ)
Ministry of Labour and Social Affairs
General Directorate of Working Conditions and Health
Centre of Occupational Health and Safety (KYAE)
http://gr.osha.eu.int/

**España/Spain**
Instituto Nacional de Seguridad e Higiene en el Trabajo (INSHT)
National Institute of Safety and Hygiene at Work
http://es.osha.eu.int/

**France**
Ministère de l´emploi, du travail et de la cohésion sociale
Ministry of Employment, Labour and Social Cohesion
http://fr.osha.eu.int/

**Ireland**
Health and Safety Authority
http://ie.osha.eu.int/

**Italia/Italy**
Istituto superiore per la prevenzione e la sicurezza del lavoro
National Institute of Occupational Safety and Prevention
http://it.osha.eu.int/

**Κύπρος/Cyprus**
Τμήμα Επιθεώρησης Εργασίας
Department of Labour Inspection
http://cy.osha.eu.int/

**Latvija/Latvia**
Valsts Darba Inspekcija
State Labour Inspectorate of the Republic of Latvia
http://lv.osha.eu.int/

**Lietuva/Lithuania**
Lietuvos Respublikos Valstybinė darbo inspekcija
State Labour Inspectorate of the Republic of Lithuania
http://lt.osha.eu.int/

**Luxembourg**
Inspection du travail et des mines (ITM)
Labour Inspectorate
http://lu.osha.eu.int/

**Magyarország/Hungary**
OMMF-Országos Munkabiztonsági és Munkaügyi Főfelügyelőség
OMMF-Hungarian Labour Inspectorate
http://hu.osha.eu.int/

**Malta**
Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol
Occupational Health and Safety Authority
http://mt.osha.eu.int/

**Nederland/The Netherlands**
Arbo Platform Nederland
Dutch OSH Platform
http://nl.osha.eu.int/

**Österreich/Austria**
Bundesministerium für Wirtschaft und Arbeit (BMWA)
Sektion IX, Zentral-Arbeitsinspektorat
Ministry of Economics and Labour
Unit for International OSH
http://at.osha.eu.int/

**Polska/Poland**
Centralny Instytut Ochrony Pracy
Państwowy Instytut Badawczy
Central Institute for Labour Protection
National Research Institute
http://pl.osha.eu.int/

**Portugal**
Instituto de Desenvolvimento e Inspecção das Condições de Trabalho
Institute for the Development and Inspection of Working Conditions
http://pt.osha.eu.int/

**Slovenija/Slovenia**
Ministrstvo za delo, družino in socialne zadeve
Sektor za varnost in zdravje pri delu
Ministry of Labour, Family and Social Affairs
Department for Health and Safety at Work
http://si.osha.eu.int/

**Slovensko/Slovakia**
Národný inšpektorát práce
National Labour Inspectorate
http://sk.osha.eu.int/

**Suomi/Finland**
Sosiaali- ja terveysministeriö/Social- och hälsovårdsministeriet
Työsuojeluosasto/Arbetarskyddsavdelningen
Ministry of Social Affairs and Health
Department for Occupational Safety and Health
http://www.tyosuojelutietopankki.fi and http://fi.osha.eu.int/

**Sverige/Sweden**
Arbetsmiljöverket
Swedish Work Environment Authority
http://se.osha.eu.int/

**United Kingdom**
Health and Safety Executive
http://uk.osha.eu.int/

## PUNTI TA' RIFERENZA TAL-PAJJIŻI KANDIDATI

**България/Bulgaria**
Министерство на труда и социалната политика
Отдел 'Безопасност и здраве при работа'
Ministry of Labour and Social Policy
Department 'Safety and Health at Work'
http://osha.mlsp.government.bg/

**România/Romania**
Institutul Naţional de Cercetare — Dezvoltare pentru Protecţia Muncii
National Research Institute for Labour Protection
http://www.protectiamuncii.ro/

**Emek/Turkey**
Çalişma ve Sosyal Güvenlik Bakanliği
İş Sağlığı ve Güvenliği Genel Müdürlüğü
Ministry of Labour and Social Security
General Directorate of Occupational Health and Safety
http://isggm.calisma.gov.tr/

## PUNTI TA' RIFERENZA TAL-PAJJIŻI TA' L-EFTA

**Island/Iceland**
Vinnueftirlitið
Administration of Occupational Safety and Health
http://www.vinnueftirlit.is/

**Liechtenstein**
Amt für Volkswirkschaft
Office of Economic Affairs
http://www.avw.llv.li

**Norge/Norway**
Direktoratet for arbeidstilsynet
Directorate of Labour Inspection
http://www.arbeidsplassen.no/

**Schweiz/Suisse/Switzerland**
Staatssekretariat für Wirtschaft (SECO), Ressort Grundlagen Arbeit und Gesundheit
Secrétariat d'Etat à l'économie (SECO), Ressort Travail et santé
Segretariato di Stato dell'economia (SECO), Sezione Lavoro e salute
State Secretariat for Economic Affairs (SECO), Work and Health Section
http://www.osha-focalpoint.ch/

## INTERNATIONAL PARTNERS

**Australia**
National Occupational Health and Safety Commission (NOHSC)
http://www.nohsc.gov.au/

**Brazil**
Fundacentro
http://www.fundacentro.gov.br

**Canada**
Canadian Centre for Occupational Health and Safety (CCOHS)/
Centre canadien d'hygiène et de sécurité au travail (CCHST)
http://www.ccohs.ca

**USA**
The Occupational Safety and Health Administration (OSHA)
http://www.osha.gov

**Japan**
中央労働災害防止協会
Japan Industrial Safety and Health Association (JISHA)
http://www.jisha.or.jp

International Labour Office (ILO) /Organisation internationale du travail (OIT)/Organización Internacional del Trabajo (OIT)
http://www.ilo.org

Organisation of American States (OAS)/Organisation des états américains (OEA)/Organización de los Estados Americanos (OEA)/ Organização dos Estados Americanos (OEA)
http://www.oas.org

World Health Organisation (WHO)/Organisation mondiale de la santé (OMS)/Organización Mundial de la Salud (OMS)
http://www.who.int

**Aktar informazzjoni dwar in-*network* ta' l-Aġenzija tinstab fuq is-sit ta' l-internet tagħna**

**http://agency.osha.eu.int**

TE-58-04-312-MT-C

© Aġenzija Ewropea għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Ir-riproduzzjoni ta' dan il-fuljett hija permessa kemm-il darba jingħata għarfien lis-sors. *Printed in Belgium, 2004*